**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgha, 26 ta' Marzu 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 53/2020 BS**

**Sultech & Co.**

**vs**

**Segretarju Permanenti fi Hdan il-Ministeru Ghal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi illi ppremettiet**:

1. Illi din hija azzjoni ta' stharriġ ġudizzjarju, għalhekk dawn il-proċeduri ġudizzjarji qegħdin jiġu istitwiti a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fis-26 ta' Mejju 2019 il-Ministeru għal Għawdex ippubblika sejħa għal offerti bit-titlu "Framework Agreement for the Provision, Maintenance and Regular Collection of Open Skips at various Sites in Gozo" u bin-numru ta' Referenza [MGOZ/MPU T32/2019]. Permezz ta' din is-sejħa, ġew mistiedna l-operaturi u trasportaturi awtorizzati u liċenzjati li jġorru l-Skart (Authorised Waste Carriers) sabiex jipprovdu s-servizz ta' Provvista, Manutenzjoni u Ġbir Regolari ta 'Skips Miftuha, f'diversi siti f'Għawdex;

   Sultech & Co u operaturi oħrajn, irrispondew għal din is-sejħa tal-offerti;

   Illi preżentament is-socjeta' rikorrenti ġia tipprovdi tali servizz ta' kollezzjoni ta' skart mill-open skips lill-Ministeru għal Għawdex;

3. Fit-2 ta' Awwissu 2019, L-Unita' Ministerjali għall-Akkwist fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex infurmat lill-Sultech & Co illi l-offerta tagħha ma kinitx se tintlaqa', u kienet se tintlaqa offerta li saret minn oblatur ieħor;

   Fid-9 ta' Awwissu 2019, is-Soċjeta Attriċi intavolat talba quddiem il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubbliċi ("Il-Bord") li permezz tagħha oġġezzjonat għall-ghotja li saret mill-awtorita' kontraenti (cioe' il-Ministeru għal Għawdex). F'deċizjoni mogħtija fis-7 ta' Novembru 2019 il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici kien ċaħad it-talba tas-Soċjeta Attriċi, u għalhekk kien ġie intavolat Rikors ta' Appell mis-soċjeta rikorrenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

4. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza ta' nhar id-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet Sultech & Co Vs. Ministeru għal Għawdex et, laqgħet it-tielet aggravju tas-socjeta esponenti (Sultech & Co) u ordnat:-

   "Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tipprovdi dwar l-appell billi tħassar id-deċizjoni tal-kumitat tal-għazla illi l-kuntratt jingħata lil Mercieca u tħassar wkoll id-deċizjoni tal-Bord tal-Għazla, b'dan illi fiċ-ċirkostanzi d-depozitu mħallas minn Sultech sabiex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem dak il-bord għandha tintradd. Tordna illi l-proċess tal-għazla jsir mill-ġdid wara li l-kumitat tal-għazla jitlob u jingluata t-tagħrif meħtieġ kif imfisser fuq".

5. Illi wara l-istess deċizjoni tal-Qorti tal-Appell u ċioe' fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-Unita' Ministerjali għall-Akkwist fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex infurmat lill-Sultech & Co li għal darba oħra li l-offerta tagħha ma kinitx se tintlaqa', u kienet se tintlaqa' l-offerta li saret minn Anthony Mercieca;

6. Illi fil-wieħed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), Sultech għamlet talba (ċioe ressqet oġġezzjoni) quddiem il-Bord ta' Revizjoni tal Kuntratti Pubbliċi li permezz tagħha resqet oġġezzjoni għall-għotja li saret mill-awtorita' kontraenti, dan flimkien mad-depożitu rikjest. Illi dan il-proċess għadu pendenti quddiem l-istess Bord;

7. Din il-kawża qegħda ssir peress li Expression of Interest sui riferita [bin-numru ta' referenza EOI/A0620 bit-titlu 'Expression of Interest for the Coordination, Management and Provision of Regular Collection of Open Skips at Various Sites in Gozo'] ippubblikata u amministrati mill-intimat u/jew mill-Ministeru għal Għawdex qiegħda ssir b'tali mod u manjiera li qegħdin jilledu d-drittijiet tar rikorrenti fuq numru ta' binajri fosthom:-

   Fl-ewwel lok, ix-xogħol elenkat fl-Expression of Interest huwa l-istess xogħol li huwa mertu tat-Tender li wkoll qiegħda tiġi kkontestata fi proceduri separati;

   Fit-tieni lok, jehtieġ jingħad wkoll li l-Expression of Interest mertu ta' dawn il-proċeduri hija waħda irregolari, nulla, jew monka dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjara numru 601.03 ma tirrikonixxix din il-proċedura ta' Expression of Interest. Illi jeħtieġ jingħad li l-Leġislazzjoni Sussidjara 601.03 'Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku', hija bbazata fuq id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku;

   Fit-tielet lok, l-intimat u/jew il-Ministeru għal Għawdex iddeċieda li jinjora wkoll il-proċeduri pendenti quddiem il-Bord u l-Qrati. L-Expression of Interest saret biss biex waqt li s-soċjeta esponenti qiegħda tieħu dawk l-azzjonijiet kollha permissibbli bil-Liġi l-Intimat u/jew il-Ministeru ghal Għawdex jkun jista' jinjora kemm il-proċeduri u anke l-eventwali eżitu tagħhom;

   Fl-aħħar lok, il-mod u l-manjiera ta' kif is-sejħa tal-Expression of Interest saret (inklużi t-termini stipulati), hija intiza biex is-soċjeta' Rikorrenti tkun eliminata mill-proċess u ma tkunx l-oblatur magħzul u dan b'detriment tal-istess soċjeta' rikorrenti. Tant huwa hekk li filwaqt li fit-tender u bin-numru ta' Referenza IMGOZ/MPU T32/2019] għal l-istess xogħol kull oblatur kellu jissottometti l-prezz tiegħu, filwaqt li fl-Expression of Interest l-prezz ġie predeterminat. Barra minn hekk, il-prezz predeterminat huwa l-istess prezz tal-oblatur magħzul (preferred bidder) mill-intimat u/jew Ministeru għal Għawdex u/jew Awtorita' Kontraenti fit-tender bin-numru ta' Referenza (MGOZ/MPU T 32/2019]. Di piu' dan ifisser illi effettivament is-soċjeta' rikorrenti ma tistax tirbaħ il-kuntratt tal-Expression of Interest u illi d-deċizjoni li ssir din l-Expression of Interes, abbinata mal-fatt li issa l-offerta tas-soċjeta' esponenti hija

magħrufa, hija deċizjoni anti-kompetitiva. Dan il-fattur anti-kompetitiv, li ċertament jikser il par condicio tal-oblaturi, jegħleb kull vantaġġ li jista' jinkiseb - u jekk hemm xi vantagg, ma ntweriex x'inhu – bil-pubblikazzjoni tal-Expression of Interest. Iservi biss biex jagħti vantaġġ lil min, sa issa, l-offerta tiegħu zammha mistura u/jew min ġa ssottometta l-istess prezz, u għalhekk ċertament huwa kontra l-ispirtu tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi;

8. Illi s-soċjeta' attriċi talbet għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fl-ismijiet Sultech & Co vs Segretarju Permanenti Fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex et (26/2020/1), sabiex tinibixxi lil intimat u l-Ministeru ghal Għawdex milli:

> "Tilqa' jew tippermetti li tilqa' aktar offerrti ghall-'Expression of Interest' bin izumru ta' referezna EOI/A0620 bit-titlu 'EXPRESSION OF INTEREST FOR THE COORDINATION, MANAGEMENT AND PROVISION OF REGULAR COLLECTION OF OPEN SKIPS AT VARIOUS SITES IN GOZO' ssusegwentanient li tiftaħ (ċioe' Tender Opening) ta' kwalunkwe offerta li laħqet ġiet sottomessa. B'dan illi t-Tender Opening li kien pjanat li ssir għada (16 ta' Ġunju 2020 fl-10 ta' Filgħodu) jiġi sospiz."

Dan il-mandat intlaqa' provvizorjament fl-istess jum.

Illi dan l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju mbagħad ntlaqa' fl-intier tiegħu u b'mod definittiv permezz ta' digriet kamerali fil-11 ta' Lulju 2020, izda li kien notifikat lis-Soċjeta Attrici fl-14 ta' Awwissu 2020 (Vide id-digriet finali u notifika hawn anness mmarkata bliala Dok A.) u dan kif gej:

> "...Illi fil-kaz in eżami l-Qorti tqis li:
>
> 1. L-ewwel element ġie prima facie privat stante illi s-socjeta' rikorrenti gia tipprovdi tali servizz ta' kollezzjoni ta' skart mill-open skips; u
>
> 2. It-tieni element gie ukoll prima facie privat stante illi l-intimat beda proceduri sabiex jirrinpjazza tali servizz li ghalhekk f'kaz li r-

rikorrenti na tigix konfermata fis-servizz li qed tipprovdi allura se titlef dan id-dritt tagha darba ghal dejjem; 11

3. It-tielet element fil-kaz meta t-talba hija kontra l-Gvern jew entita' tal Gvern gie wkoll pruvat stante illi l-hsieb li tali att jitwettaq , johrog prima facie mill-fatt illi target din l-espressjoni ta' interess, filwaqt illi l-element ta' sproporzjonalita jidher illi gie sodisfatt mill-fatt illi l-prezz gie predeterminat u jidher illi r-rikorrenti ma tistax tilhaq tali prezz.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghida tilqa' t-talba tar-rikorrenti u zzomm u tinibixxi lill intimat/i milli jilga /jilqghu jew jippermetti li jilqa'/jilqghu aktar offerti ghall 'Expression of interest' bin-numru ta' riferenza EOI/A0620 bit-titolu 'Expression of Interest for the Co-Ordination, Management and Provision of Regular Collection of Open Skips at Various Sites in Gozo' u sussegwentament li jiftah/jifthu (cioe' Tender Opening) ta' kwalunkwe offerta li lahqet giet sottomessa. B'dana illi t-Tender Opening' li kien pjanat li jsir fis-16 ta' Gunju 2020 jibqa' mizmum u inibit indefittivanient."

9. Di piu, kif anke gja gie sottomess mis-socjeta' Attrici fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni sui riferit, fil-kaz odjern ma jezisti ebda rimedju iehor li s-socjeta rikorrenti tista tutilizza biex tikkontesta l-espressjoni tal-interess, u dan kif anke sejjer jkun elenkat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

10. Illi l-eghmil amministrattiv tal-intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex li, ghall-ebda raguni valida fil-ligi u certament minhabba ebda nuqqas imputabbli lis-socjeta attrici, ippubblikat l-Expression of Interest sui riferita u bit-termini kollha elenkati fl-istess pubblikazzjoni ghandu jigi mistharreg minn din l-Onorabbli Qorti u jigi dikjarat null, invalidu jew minghajr effett stante illi

   a. tali eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni peress illi jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u/jew
   b. tali eghmil mwettaq mill-intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex meta ma kinux awtorizzati sabiex jwettquh; u/jew
   c. l-intimat u/jew il-Ministeru ghal Ghawdex naqas milli josserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali

mandatorji fit twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil u dan billi waqt li l-proceduri ghadhom pendenti ippubblikat l-Expression of Interest u bit-termini kif elekanti fih; u/jew

d. tali eghmil amministrattiv imwettaq mill-Awtorita' intimata billi arbitrarjament u minghajr ebda raguni valida ippubblikat l-Expression of Interest u bit-termini kif elekanti fih u di piu' naqset milli taghti raguni jew spjegazzjoni ghaliex ghamlet dan, jikkostitwixxi abbuz tas-setgha taghha billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew huwa mssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ghaliex, kif fuq imtenni, certament li ma tezisti ebda raguni valida ghal ghemil tal-intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex; u/jew
e. tali eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi ghaliex l-intimat u/jew l-Ministeru ghal Ghawdex ippubblika tali l-Expression of Interest u bit-termini elekanti fih minkejja li din hija procedura monka u nulla;

11. Illi s-socjeta rikorenti qieghda tirrikori ghal dawn il-proceduri odjerni sabiex thares u tissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet taghhom mill-eghmil amministrattivi abbuziv u/jew illegali imwettaq mill- intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex;

12. Is-socjeta Attrici u r-rapprezentanti taghha jikkonfermaw li jafu b'dawn il-fatti personalment.

**Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. TISTHARREG l-eghmil amministrattiv tal-intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex li tippubblika Expression of Interest' bin-numru ta' referezna EOI/A0620 bit-titlu 'Expression of Interest for the Coordination, Management and Provision of Regular Collection of Open Skips at Various Sites in Gozo' u, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega jew opportuna, tiddikjara illi tali eghmil amministrattiv huwa null, invalidu jew minghajr effett abbazi tal-provvedimenti tal-paragrafu (a) tas-sub-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew abbazi tas-subpragrafi (i)

u/jew (ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. TIDDIKJARA l-ghemil in kwistjoni li sar mill-intimat u/jew Ministeru ghal Ghawdex meta ippubblika l-Expression of Interest bin-numru ta' referezna EOI/A0620 bit-titlu 'Expression of Interest for the Coordination, Management and Provision of Regular Collection of Open Skips at Various Sites in Gozo' bhala ghemil null u/jew invalidu li huwa ultra vires li jmur ghalhekk kontra l-ligi, ghalhekk l-espressjoni ta' interess hija wahda nulla u konsegwentament THASSAR l-istess process tal-'Expression of Interest';

3. TORDNA lil intimata u/jew Ministeru ghal Ghawdex sabiex ma jwettaq ebda eghmil amministrattiv li jkun jikser id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) tas-sub-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'lezjoni tad-drittijiet tas-socjeta attrici;

4. TAGHTI lill-intimat dawk id-direttivi u ordnijiet ohra li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 26/2020/1 (MV) bl- imghaxijiet skond il-Ligi kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subbizzjoni.

Ghal kull buon fini, u minhabba l-incidenza tad-dritt Kommunitarju fuq il-vertenza odjerna, ir-rikorrenti qieghda minn issa tirrizerva kull dritt li titlob lil din l-Onorabbli Qorti, anke f'din l-istanza, sabiex titlob referenza preliminari fuq mistoqsijiet appartjenenti dritt Kommunitarju lill-Qrati tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**Rat ir-risposta guramentata tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru għal Għawdex fejn John Borg fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex eccepixxa:**

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma jinkwadrawx fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) in kwantu l-Expression of Interest li harget mill-Ministeru ghal Ghawdex saret fil-parametri tal-Liġi Sussidjarja 601.03 u bl-

ebda mod ma qed tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew hija b'xi mod ultra vires a tenur tas-subartikolu (1)(a) u/jew (b) tal-istess artikolu;

2. Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, sabiex att jista' jikkwalifika bhala wiehed amministrattiv, a tenur tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 469A, jrid jkun hemm 'decizjoni' jew 'rifjut' da parti tal-awtorità pubblika. Sad-data ta' meta ġiet intavolata l-kawża odjerna l-esponenti intimat ma ħa ebda deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk ma setgħux jiskattaw id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12;

3. Illi infatti, kif gie osservat fil-kawza bl-ismijiet 'Hamid Rami vs Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni u l-Ministru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali', deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 2014:

4. "Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew warrant ma ssirx bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha". (emfażi miżjuda);

5. Illi fil-kaz in ezami, ma ttiehdet l-ebda decizjoni mill-Ministeru ghal Ghawdex u gara biss li l-istess Ministeru hareg Expression of Interest' bin-numru ta' referenza EOI/A0620 u bit-titlu: "EXPRESSION OF INTEREST FOR THE COORDINATION, MANAGEMENT AND PROVISION OF REGULAR COLLECTION OF OPEN SKIPS AT VARIOUS SITES IN GOZO",sabiex jara xi prezzijiet hemm fis-suq. Kull persuna, legali jew le, setgħet turi l-

interess tagħha u minflok li s-soċjetà rikorrenti għamlet dan, għażlet li twaqqaf din il-proċedura billi ppreżentat l-mandat ta' inibizzjoni li ppreċeda din il-kawza;

6. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost u dejjem in linea preliminarji, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvediment ta' l-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12;

7. Illi fil-mertu, r-rikorrenti fetħu din il-kawża biex iwaqqfu lill-Ministeru ghal Ghawdex milli jibqa' jircievi offerti f'Expression of Interest "EOI/A0620, hawn fuq imsemmija. Illi l-istess Ministeru għal Għawdex iddecieda biex ma jkompliex b'din l-Expression of Interest u għaldaqstant il-mertu tal-kawża huwa eżawrit;

8. Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż;

9. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti u dan peress li huma dejjem aġixxew skont id-dettami tal-liġi u entro l-parametri tal-istess liġi u regolamenti viġenti kif ukoll dejjem osservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil tagħhom u fid-deliberazzjonijiet magħmula minnhom qabel dwar dak l-egħmil;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

11. Bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha.

Semgħet lill-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat.**

Din hija kawza ta stharrig gudizzjarju a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12, Ligijiet ta Malta. Is-socjeta attrici qed tilmenta li hija tefghet offerta wara li kemm hemm sejha mill-konvenut. Tghid li l-offerta taghha ma gietx maghzula u dan wassal sabiex anke il-Qorti ta' l-Appell hassret id-decizjoni tal-Bord ta' Revizzjoni.

Tghid li sussegwentement il-konvenut hareg *Expression of Interest* li ghandha bhala sustanza l-istess mertu tat-*tender* li l-attrici qed tikkontesta quddiem il-Bord ta Revizzjoni. Is-socjeta attrici istitwiet din il-kawza billi skond hi din l-ahhar sejha ta' interess tilledi d-drittijiet taghha u ghalhekk permezz tal-kawza odjerna qed jitlob lill-Qorti sabiex filwaqt li tistharreg dan l-eghmil amministrattiv, tghaddi sabiex tiddikjara li dan l-eghmil huwa null u *ultra vires* u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex jiddezisti milli jwettaq xi eghmil amministrattiv li jikser id-drittijiet taghha.

Il-konvenut laqa' ghat-talbiet attrici billi qajjem l-eccezzjoni preliminari li l-allegazzjonijiet tas-socjeta attrici ma jinkwadrawx fil-parametri ta' l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju. Jkompli jghid li fil-kaz odjern lanqas biss kien hemm decizzjoni jew rifjut da parti tal-konvenut versu l-attrici u ghalhekk l-attrici ma setghatx tiskatta l-procedura odjerna. Isostni li fl-istadju attwali kull ma hemm hrug ghal espressjoni ta interess u xejn aktar. Jsostni li din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tisma din il-kawza. Jkompli jghid li fi kwalunkwe kaz il-Ministeru ghal Ghawdex ma kompliex bil-procedura ta sejha ghal espressjoni ta interess u ghalhekk il-mertu huwa ezawrit. Pero jsostni li huwa xorta qed jikkontesta t-talbiet tas-socjeta attrici. Jghid li huwa dejjem agixxa skond kif trid il-ligi.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tibda biex tinnota li fir-risposta tieghu il-konvenut Segretarju Permanenti sewwasew f'paragrafu 5 iqajjem l-argument ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Din il-Qorti thoss li ghandha tikkummenta dwar il-fatt li eccezzjoni bhal din li hija wahda ta natura preliminari ma kellhiex issib postaha f'paragrafu li jinsab f'dik il-parti tar-risposta li titratta eccezzjonijiet dwar il-mertu tat-talba attrici. Is-sekwenza ta' l-

eccezzjonijiet ma hix kwistjoni kosmetika izda hija kwistjoni legali li ma tistax u ma ghandhiex tigi injorata.

Rigward il-mertu l-Qorti rat il-verbal tat-03 ta' Marzu, 2020 fejn il-partijiet qablu li l-mertu kien ezawrit u li l-kawza tista' tigi differita ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez[1].

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ser tghaddi sabiex titratta min ghandu jhallas l-ispejjez konnessi mal-kawza.

Jirrizulta li s-socjeta attrici talbet ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenut jinzamm milli jkompli fil-process ta' l-espressjoni ta' interess. Dan il-mandat giet dekretat fil-11 ta' Lulju, 2020 u notifikat lis-socjeta attrici fl-14 ta' Awissu, 2020. Il-Qorti laqghet it-talba ghal hrug tal-mandat.

Din il-kawza hija wahda ta stharrig gudizzjarju. L-Artikolu 469A jipprovdi li l-istahrrig isir jew meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun *ultra vires* ghax :

(i) jkun qed jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew

(iii) jkun jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Il-Ligi tagħti definizzjoni ben cara ta x'inhu dan l-egħmil ammistrattiv, li hu il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-

[1] A fol 95 tal-process

rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika. Minn din id-definizzjoni huwa eskluz kull ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.

Milli atti jirriżulta illi meta t-talba għall-hruġ tal-mandat ta' inibizzjoni li saret mis-socjeta attriċi intalqgħet, il-proċess għas-sejħa ta' espressjoni stalla u għalhekk waqaf ukoll l-egħmil amministrattiv marbut ma dik is-sejħa. Il-fatt illi wara l-ilqugħ tal-mandat, is-Segretarju Permanenti mbaghad iddeċida illi amministrattivament jwaqqaf hu l-proċess għal kollox, ma jfissirx illi huwa għandu jbati xi spejjez ta din il-kawza billi d-deċizjoni għall-waqfien da parti tal-konvenut ittieħdet wara li kienet intlaqgħet it-talba għal ħruġ tal-mandat ta' inibizjoni da parti tas-socjeta attriċi.

**Decide.**

Għaldaqstant, għal motivi ġia espressi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi stante li l-mertu kien iddikjarat eżawrit, tiddikjara li l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jkunu a karigu tas-soċjeta attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur